MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1015/2009

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca)
vs
Simon Bugeja, iben Lawrence, imwieled Pieta' fid-19 ta' Ġunju, 1986, Karta ta' l-Identita numru 288186(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
talli fis-6 ta' Novembru, 2008 għal ħabta tal-5.15 p.m. f'Dawret Ħal-Għaxaq, Għaxaq saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAH 869, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat u ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmen Dimech skont kif iċċertifika Dr. Kevin Borg M.D. mill-Isptar Mater Dei.
Il-prosekuzzjoni tablet li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' Marzu, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikoli 225 u 226(1) tal-Kodiċi Kriminali;

c. fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. fl-artikoli 54, 55, 57 u 127 ta' L-Avviż Legali 129 ta' l-1994 maħruġ taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijjiet ta' Malta; u

e. fl-artikoli 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-6 ta' Novembru, 2008 għal ħabta tal-5.15 p.m. l-imputat kien qed isuq il-karozza tiegħu tal-marka Nissan, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAH 869, fis-'service road' ta' Dawret Ħal-Għaxaq fid-direzzjoni taż-Żejtun. Hu kien qiegħed hemm għaliex ried imur jixtri f'ħanut li tgħaddi għalih proprju minn din is-'service road'. Din il-parti tat-triq fejn ġara l-inċident hi waħda dritta u fuq il-lemin ta' din it-triq kien hemm is-siġar, mhux kbar, li jifirdu s-'service road' mill-karreġġiata prinċipali. Fuq ix-xelluq hemm id-djar. Dan hu x-xenarju li kellu quddiemu l-imputat fil-kors tas-sewqan tiegħu.

Illi jirrizulta li fl-istess ħin li kien hemm l-imputat f'din it-triq, Carmen Dimech flimkien mat-tifla tagħha Rosanne

Dimech kienu qed jaqsmu t-triq prinċipali. Huma kienu sejrin id-dar li kienet waħda mid-djar li hemm fis-'service road'. Għalhekk meta qasmu it-triq prinċipali huma sabu ruħhom fuq il-bankina bejn it-triq prinċipali u is'service road'. F'dik il-parti fejn hemm is-siġar u ezatt faċċata kien hemm id-dar tal-familja Dimech.

Illi mix-xhieda ta' Carmen Dimech, jirrizulta li hi ħarset fuq ix-xelluq tagħha, ma ratx karozzi u qasmet. Kif qasmet għamlet tlett passi u ġiet milquta mill-vettura misjuqa mill-imputat. Bid-daqqa għoliet u spiċċat mal-art. Xehdet li qabel l-impatt hi semgħet ħoss ta' brakes.

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident Carmen Dimech sofriet feriti ta' natura gravi per durata billi kellha frattura f'saqajha tax-xelluq. Hi ġiet operat darbtejn u neħħewlha l-'plate' mit-tibia fix-xahar ta' settembru, 2009.

Illi Rosanne Dimech xehdet li hekk kif waslu fuq il-bankina fejn hemm is-siġar ommha, Carmen Dimech, ħallietilha ida. Hi ħarset fuq ix-xelluq tagħha u rat li ma kienet ġejja ebda karozza. Hi kompliet tgħid li hekk kif niżlet għal ġo s-'service road' rat il-vettura, inħasdet iżda fil-pront reġgħet telgħet lura. Hi tgħid li l-karozza ma kelliex dawl u kienet ġejja b'naqra speed. Fil-mument ta' l-inċident kienu qed jibda jidlam.

Illi l-imputat xehed li waqt li kien qed isuq fis'service road', fil-ħin u il-mument ra mar tiġri taqsam. Hu għafas il-'brake' iżda billi d-distanza kienet qasira ma setgħax jevita l-impatt. Hu xehed li kellhu d-dawl tal-karozza mixgħul u kien għaddej bi speed ta' madwar tletin kilometru fis-siegħa.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li fl-ewwel lok il-veloċita tal-vettura ta' l-imputat għal dik il-lokalita' partikolari, tenut kont tas-siġar, tal-vetturi weqfin fuq ix-xelluq tiegħu u tal-fatt li t-triq partikolari hi dejqa jista' jiġi meqjuż li kien għoli. Mhux li kien qed isuq b'veloċita eċċessiva iżda f'dak il-post partikolari l-veloċita għandha tkun waħda verament minima. L-imputat imessu ra liż-żewġ nisa għaliex is-siġar mhumiex tant kbar li tgħattu l-

vizwali tiegħu.  Iż-żewġ nisa xehdu li huma ma rawhx il-vettura.  Min-naħa l-oħra jidher li t-tifla tal-midruba mhux talli rat il-vettura, talli kellha l-opportunita’ kollha li terġa titla lura.  Il-fatt li l-inċident ġara meta kien qed jidlam ma għinx lill-partijiet li kellhom ikunu aktar kawti, l-imputat fis-sewqan u Carmen Dimech meta qasmet it-triq.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta xenarju fejn l-imputat ma kienx attent fis-sewqan tiegħu u konsegwenza tan-nuqqas ta’ attenzjoni tiegħu ġiet provokat dan l-inċident.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li b’nuqqas ta’ ħsieb ikkawża l-inċident in kwistjoni u ikkaġuna feriti ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Carmen Dimech.  Rat l-artikoli 216(1)(d) u 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500).  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan ta’ l-imputat.  Minbarra dan, mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f’dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------